SANNAT

Minuti ta' dsatax il-laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010 fit-7.40 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Kunsilliera | |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| Assenti | |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

927 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru tmintax li saret fis-19 ta' Lulju 2010.

Item 2 Mill-Minuti

928 *(para 870)* Peress li Joe Cordina ma satax joqgħod chairman tal-bord, is-Sindku ppropona lill-Avukat Monica Vella bħala chairman, li ġiet approvata mill-Kunsill. Flok Manuel Tabone li rreżenja minn Kunsillier, il-Kunsillier Joseph Bajada ppropona lil Avukat Samuel Azzopardi bħala membru fil-bord, li ġie approvat mill-Kunsill. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-interviews iridu jsiru għaliex il-Kunsill qed jirriskja li jibda jeħel l-multa. Ġie deċiż li l-interviews jibdew issiru mis-17 ta' Awwissu 2010.

929 *(para. 875)* Il-bankina ta' Josephine Azzopardi ta' Triq it-Tin tlestiet.

930 *(para. 876)* L-Infiorata ma saritx għar-raġuni li kien ir-riħ qawwi u l-ward twaħħal mazzuntier tal-knisja.

931 *(para. 878)* Rigward Triq l-10 ta' Ottubru 1942, il-perit ġie nfurmat sabiex jagħmel stima ġdida ta' triq għal għoti bil-*hot rolled asphalt* għall-iskema tal-PPP, għar-raġuni li din ġa hemm parti minnha lesta.

932 Rigward Memo 93/2010 dwar l-Skema ta' għajnuna finanzjarja għal korsijiet LifeLong Learning, intbagħtu l-karti ġo djar biex kull min hu nteressat ikun jista' japplika. Dawn iridu stima tal-kors tax-xjenza. L-istima prevista mill-Kunsill hi bħal dik tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni li hi ta' €1,118.40ċ għal kull kors.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

SANNAT

933 Rigward it-tabelli għal Mġarr ix-Xini ntalbu l-kwotazzjonijiet mill-ġdid. Il-kwotazzjonijiet kienu hekk:

Mario Mallia

Iron Plate

| | |
|---|---|
| 3 Road signs 60cm x 40cm for dog littering | €29 VAT inkluża |
| 3 Road signs BBQ's etc | €23.50 VAT inkluża |

Refalo Signs

Iron Plate

| | |
|---|---|
| 3 Road signs 60cm x 40cm for dog littering | €19.70 VAT mhix inkluża |
| 3 Road signs BBQ's etc | €24.60 VAT mhix inkluża |

Dik tal-iron plate tal-*BBQs* ta' Mallia kienet l-irħas waħda. Filwaqt li dik ta' Refalo Signs għat-tabelli tad-*Dog littering* kienet l-irħas waħda. Waħda għandha tiġi ordnata mingħand Mallia u l-oħra mingħand Refalo Signs.

935 *(para. 913)* Rigward it-tabella Merħba, Mġarr ix-Xini, intalbu kwotazzjonijiet lil Mr. Signs u Refalo Signs. Għad irid jiġi deċiż fejn ser teħel din it-tabella.

936 *(para. 914)* Rigward l-offerta tal-Urban Street Cleaning, il-Kunsill irċieva ittra Ġudizjarja mingħand Nicholas Zammit. Dan qal li skond il-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-4 ta' Gunju 2010, il-Kunsill kien obbligat jiftaħ it-tenders fit-2 ta' Lulju 2010 f'nofsinhar u fil-fatt infetħu fis-6 ta' Lulju 2010. Qal ukoll li skont l-Avviż Legali 106 ta' 2007, kull Kunsill Lokali hu obbligat li jassenja tenders lil kumpanija jew individwi li għandhom il-makkinarju u vetturi neċessarji u apposta sabiex jiġbru l-iskart, xi ħaġa li mill-informazzjoni li għandu l-mittenti, il-kontendenti l-oħra tat-tender ma għandhomx. Hu qal li fin-nuqqas ser jittieħdu l-miżuri kollha sabiex jingħata rimedju u jiġi assigurat li l-proċess isir mill-ġdid b'mod legali kif hu obligat l-Kunsill. Il-kuntrattur Sannat Lions F.C. ġie mwaqqaf mill-Kunsill milli jipproċedi fit-twettieq tal-kuntratt wara li kien ingħata lilu.

Rigward din l-ittra s-Sindku u s-Segretarju marru kelmu lil avukat tal-Kunsill. L-avukat min-naħa tiegħu kellem lil Joseph Attard, avukat ta' Zammit. Ġiet preparata ittra risposta mill-avukat tal-Kunsill, fejn Nicholas Żammit inġibditlu l-attenzjoni li hemm kundizzjoni fid-dokumenti tal-offerti li permezz tagħha l-Kunsill jista' jirrifjuta kwalunkwe offerta. Fl-istess ħin għal kull buon fini, u strettament mingħajr preġudizzju, il-Kunsill ser joħroġ mill-ġdid is-sejħa għall-offerti u għalhekk jiddifidah milli jipproċedi ulterjorament kontra l-Kunsill billi dan huwa dak li talab permezz tal-ittra uffiċjali u anke maqbul f'telefonata bejn l-avukat tiegħu u tal-Kunsill.

937 *(para. 915)* Il-Kuntratt tas-Servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi beda jingħata mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita. Kien hemm xi problema fid-drain tal-ilma. Hemm xi materji oħra li jridu jirranġaw.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

938 (para. ) Rigward l-kwotazzjoni tal-kiri ta' *virbrator road roller* bi driver u kiri ta' ħaddiema tħalliet għal darba oħra biex il-perit jerġa' jara l-kwotazzjonijiet.

939 *(para. 921)* Rigward l-kwotazzjoni tal-kiri ta' *Tipper Truck* bi driver għat-tagħbija u ħatt ta' cold asphalt bis-siegħa tħalliet għal darba oħra biex il-perit jerġa' jara l-kwotazzjonijiet.

940 *(para. 922)* Rigward l-kwotazzjoni tal-Kiri ta' *rubber wheeled shovel* bid-driver bis-siegħa u kiri ta' *tipper truck* bid-driver inkluż id-dumping charges tħalliet għal darba oħra biex il-perit jerga jara l-kwotazzjonijiet.

**Item 3 Korrispondenza**

941 Il-Kunsillier Manuel Tabone bagħat ir-reżenja tiegħu minn Kunsillier fit-22 ta' Lulju 2010 għar-raġuni li dan sar direttur u fil-kariga ġdida tiegħu ma jistax jibqa' fil-kariga ta' Kunsillier. Fil-fatt ġa nfetaħ il-proċess għal *bye election* ta' Kunsillier il-ġdid.

942 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 92/2010 dwar il-proċedura tal-ħatra tal-Viċi President fuq kull Kumitat Reġjonali.

943 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 93/2010 dwar kosijiet Lifelong Learning li għandha ssir korrezzjoni tal-fees.

944 Memo 101/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Kap 363 – Att dwar Kunsilli Lokali dwar li f'kull każ li xi Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni li taqa' taħt ir-responsabilta' tiegħu u l-Kunsill jippersisti fin-nuqqas li jwettaq dik il-funzjoni minkejja twissja mogħtija mid-direttur, dik il-funzjoni tista' ssir minn xi Dipartimet, awtorita' jew aġenzija għas-spejjeż tal-istess Kunsill Lokali.

945 Memo 102/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-lista ta' pagamenti.

946 Memo 103/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-ħinijiet obbligatorji tal-ftuħ tal-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali li huma mit-8.00 a.m. sa 1.00 pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa u bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m. nhar ta' Sibt.

947 Memo 104/2010 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Rapporti tal-Udituri tal-Gvern Lokali għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009 li għadhom ma ġewx mibgħuta lill-uffiċċju tal-N.A.O.

948 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward ix-xogħlijiet fit-toroq li saru jew ser issiru matul is-sena 2010 permezz tal-allokazzjoni finanzjarja li ngħatat b'mod speċifiku għat-toroq. Il-Kunsill qed jikkunsidra jekk jagħmilx l-isqaq ta' Dun Anastas bil-konkos.

949 Ittra mill-MEPA rigward l-applikazzjoni ta' Rural Recreational Park PA 02405/09 bejn Triq Bebunaq u Triq Ras in-Newwiela li ġiet reġistrata bħala valida fill-4 ta' Ġunju 2009. Ġa saret l-konsultazzjoni mal-*National Commission Persons with Disability* u l-*Heritage Advisory Committee (Natural Panel).*

950 Cirkulari AKL 43/2010 rigward il-ħlasijiet għat-tarrifi ta' ġbir ta' skart. Il-Kunsill ġew mitluba sabiex ma jħallsux aktar minn dak li ġie mogħti mill-Gvern fl-allokazzjoni finanzjarja.

SANNAT

951 Cirkulari AKL 45/2010 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li wara diskuzzjonijiet mal-Wasteserv Ltd. ser jinbeda proċess ta' verifikazzjoni tal-ġbir ta' skart permess ta' spetturi li ser jakkumpanjaw lill-kolletturi waqt il-ġbir matul ġimgħa partikulari. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Assoċjazzjoni kemm jista' jkun malajr.

952 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-lista ta' xogħlijiet ta' trinek li saru fil-2007.

953 Ittra mill-MEUSEC dwar Workshop ta' *EU Finding Opportunities: Moving Towards Simplified Strategic Planning.*

954 Ittra mill-fundazzjoni OASI dwar l-applikazzjonijiet għal għażla ta' persuna għall-Premju Nazzjonali Żagħżugħ tas-Sena 2010.

955 Invit mill-Kunsill ta' Żebbuġ għall-Musical "Għeruqna' li ser isir fil-20 ta' Awwissu 2010.

956 Ittra minn għand Across Limits Ltd. rigward twaqqif ta' librerija diġitali. Dawn ser jiġbru informazzjoni dwar Malta biex tifforma parti mill-European Digital Library. Dawn ġew il-Kunsill u saru diskusjonijiet magħhom.

957 MTA irridu inventarju ta' dak li hemm fis-Sannat li jkun ta' interess bħal *Cultural Heritage, Natural Heritage, Social, Integral aspect* u *special projects* u *programmes*. Dan irid jasal għandhom sal-15 ta' Awwissu 2010. Il-Kunsill għandu jaħtar Sotto Kumitat biex issir deskrizzjoni fuq materji differenti.

958 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tintbagħat il-Balance Sheet sal-aħħar ta' Ġunju 2010 u l-lista tal-commitments. Il-perit għandu jerġa' jiġi mitlub jagħmel stima tax-xogħolijiet pendenti biex tingħata nformazzjoni korretta u fl-istess ħin il-Kunsill ikun jaf is-sitwazzjoni finanzjara tiegħu fir-riġward tal-loan mill-bank.

959 Is-Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' qiegħed jistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jindividwaw persuni għall-Premju Anzjan tas-sena 2010. Żmien hemm sat-13 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill għandu jipproponi lil Lawrence Attard l-aktar bniedem anzjan minn Sannat.

960 Dr. Chris Said ser iżur is-sit tal-Loġġa fejn ser ikomplu l-iskavi, nhar il-Ħamis, 6 ta' Awwissu 2010 fil-10.30 a.m.

961 Fid-9 ta' Awwissu 2010 mhux ser jinħarġu permessi għaliex ġej cruise liner f'Għawdex.

962 Kopja ta' ittra li Galea Curmi Consultants kitbu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-programm ta' installazzjoni tal-volaltaic panels għandu jkun lest sal-aħħar ta' Diċembru 2010. Il-ġimgħa d-dieħla għandu jiġi ffirmat il-kuntratt ma' Alberta Fire & Security Equipment Ltd. li rebħu dan il-kuntratt għal prezz ta' €4,776.14ċ.

963 Għandha ssir laqgħa għas-Sindki bħala Kumitat Reġjonali Għawdex ma' Dr. Chris Said il-Ħamis 29 ta' Lulju 2010 fil-5.00 fil-Kunsill tar-Rabat.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

## Item 4. Komunikazzjoni mis-Sindku

Playing field

964 Is-Sindku ġie avviċinat minn persuna sabiex imur jaqta' l-palm tal-playing field. Il-persuna konċernata għandha tmur id-Dipartiment tal-Agrikultura sabiex tottjeni l-permess ħalli tkun tista' taqta' l-weraq tal-palm biex jintuża għac-ċimi tal-lampuki. F'każ li jingħata l-approvazzjoni, il-Kunsill għandu jġib open skip biex jinġabar l-weraq ħażin u skart ieħor ġo fih.

Tindif fil-lokalita'

965 *(para. 912)* Fil-festa Santa Margerita, is-Sindku qal li naddaf it-toroq permess tal-kuntrattur Joe Magro. Dan ġie fit-tlett ijiem tal-festa u ma ftiehemx miegħu dwar il-prezz tal-ħaddiema u t-trakk. Hu qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi kemm ser iħallsu. Is-Sindku ppreżenta l-ħinijiet li għamel Magro. Il-Kunsill ma riedx jiddeċiedi hu. Is-Segretarju għandu jitlob l-kont lil Magro tax-xogħol li sar u wara l-Kunsill jiddeċiedi kemm ser iħallsu biex ikompli l-knis fil-lokal sa kemm tingħata l-offerta li ser toħroġ mill-ġdid.

EU Energy Efficient Application

966 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika f'isem ir-residenti għall-iskema tal-*energy saving* billi jsir arranġament ma' kumpanija privata.

## Item 5. Materja Oħra

967 Fir-rigward l-art għal-latrina pubblika fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini għandu jsir appuntament ma' Victor Borg il-ġimgħa d-dieħla.

968 Fi Triq Xamgħan inħaraq bin ta' *bring in site* u sar rapport lill-pulizija. Ġew ikkuntatjati ukoll tal-WasteServ Ltd. Malta.

969 Ġie nnutat li fid-daħliet tan-niżla għal bajja ta' Mġarr ix-Xini qed isir parking fihom bil-konsegwenza li qed ikun hemm traffic jam. Għandu jiġi ivverifikat jekk jistax issir xi ħaġa dwar din is-sitwazzjoni bħal *double yellow lines*.

970 Għandha ssir laqgħa mal-President tal-Kummissjoni Persuni b'Diżabilta' sabiex ma jkunx hemm oġġezzjoni ħalli l-lift fl-uffiċċju tal-Kunsill ikun sat-tieni sular flok sal-bejt.

971 Rigward il-qasma tal-art ma' John Grima għandha tiġi ffissata laqgħa bejn l-Avukat Martina Fenech, l-avukat ta' Taqsima Proprjeta' tal-Gvern u l-Perit Edward Scerri biex jiġi deċiż x'għandu jsir. Is-Sindku qal li jaf b'Kunsilli Lokali oħra li għamlu ftehim ma' kuntratturi sabiex parti mix-xogħol li jiġi ordnat jitħallas iktar tard. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilll li veru li hemm xi Kunsilli li għamlu hekk, imma dan sar kontra l-liġi.

972 Is-Sindku qal li kien hemm korrispondenza fuq ġurnal rigward it-traffic management ta' Triq Ċenċ u c-ċentru tar-raħal. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra bħala risposta fejn il-korrisponenet jiġi mitlub ikellem lill-Kunsill ħalli jagħmel s-suġġerimenti tiegħu.


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535

973 Il-Logħob Mingħajr Konfini ser isir fit-18 ta' Awwissu 2010 għat-tfal sa erbghatx-il sena u fil-25 ta' Awwissu 2010 għal dawk ta' ħmistax il-sena 'l fuq.

974 Is-Sindku semma li ġie avviċinat rigward l-parking fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Hu semma li hemm biċċa art li tista' tintuża bħala parking bi ħlas temporarju. Din tista' tingħata lil xi ħadd għas-sajf.

**Item.6 Ilmenti**

975 Francis Grima, Fatima, Triq ta' Cenc li ma tridx il-mera li twaħħlet mad-dar tagħna għar-raġuni li din l-art ser tinbena. Il-Kunsill qabel li meta s-Sinjura Grima tkun ser tibni din il-mera għandha titneħħa.

976 Numru ta' residenti ilmentaw bil-miktub rigward l-inkonvenjent kontinwu kkawżat mill-irziezet tal-baqar, partikolarment li għadhom joperaw b'mod illegali fl-2010. Issemma r-razzett ta' Triq il-Kbira li hemm elenku sħiħ ta' nuqqasijiet li għal snin twal dejjem ġew aċċettati/injorati. Dawn qalu li iħossu li wasal iż-żmien li l-awtoritajiet konċernati jieħdu l-passi neċessarji biex jissalvagwardjaw l-interessi bażiċi tal-familji tagħhom. Dan il-każ għandu jingħata f'idejn il-perit Gordon Vella li għandu jmexxi lill-Kunsill f'dan ir-rigward.

977 Il-Kunsillier Joe Bajada ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Kbira fejn kien hemm l-għassa l-qadima hemm xi ħofor u jridu jiġu ppeċċjati. Is-sitwazzjoni għandha tiġi rranġata meta jingħataw il-kwotazzjonijiet konċernati.

978 Rigward l-Allowance lill-Kunsilliera, inqrat parti minn Memo 89/2009 fejn intqal li ma jsirx tnaqqis mill-allowance jekk kemm il-darba Kunsillier jagħti raġuni valida għall-assenza tiegħu minn xi laqgħa bil-miktub u tiġi approvata.

979 Il-kwotazzjonijiet għall-photocopier kienu:

# Schedule of Quotations

# Quotation No. 08/2010

## Quotations for the provision of Photocopier for Sannat Local Council

Closing date 2nd July 2010 at 12.00 p.m.

| No. | Contractor | Quote 1 | Quote 2 | Quote 3 |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Office Group Ltd. | Konica Minolta Bizhub 211<br>€820 | Konica Minolta Buz 222<br>€1,950 | Konica Minolta Biz 282<br>€2,050 |
| 2. | SG. Solutions Ltd | Monochriome Basic Unit<br>€2,301c<br>Payt on Deliv. | Monochrome Print/Scan Unit<br>€2,725.80<br>€1,932.84 | Monoch. Full Colour Print/Scan<br>€4,42.70<br>€2,301 €3,646.20 |
| 3. | Strand Electronics | Kyocera TASKalfa 181<br>€861.40 | TASKalfa 221<br>€1,174.10 | Kyocera Ta-250ci ( Colour)<br>€ 4,071 |
| 4. | Alfa Company Ltd. | Sharp Standard<br>€1,450 | €1250 (Discount) | |

L-extras mhux inklużi

Rigward l-għażla tal-photocopier il-Kunsill għandu jieħu parir u tiġi ordnata.

**Item. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

980 Ġew approvati l-kontijiet pendenti skond skeda nru. 10. Kien hemm xi kontijiet li tħallew għal darba oħra li huma ta' Micho Lighting għaliex kien ta' €1,200 meta l-ftehim kien ta' €1,000. Dwar il-kont ta' Annette Dancers, is-Sindku qal li dik mhix ser titħallas u għandu jkellema hu. Rigward ir-rinbors tal-ispejjeż tal-iskavi ta' Għar ix-Xiħ għandu jsir kuntatt mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija sabiex huma jħallsu l-ispejjeż għaliex l-ewwel nofs l-allokazzjoni għall-proġetti f'lokalitajiet żgħar inħarġet f'isem il-Kunsill Lokali tax-Xewkija jew jingħata nofs l-ammont li ġa inħareġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

9812 Is-Sindku saqsa jekk xi ħadd iridx jgħid xi ħaġa.

Il-laqgħa spiċċat fis-9.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sene die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

-

## Kunsill Lokali Sannat

## Skeda ta' Pagamenti nru. 10

| Sal-Ħamis 29 ta' Lulju 2010 | | |
|---|---|---|
| Ħlas lil | Deskrizzjoni | Ammont € |
| Ta' Sannat Local Council | Petty Cash | 151.88 |
| Maltapost p.l.c. | 500 bolla ta' 19c | 95.00 |
| Arthur Bajada | Salarju u bonus ta' Ġunju 2010 | 1,549.38 |
| Jason Curmi | Salarju u bonus ta' Ġunju 2010 | 1,257.58 |
| Philip Vella | Honorarja tas-Sindku Ġunju 2010 | 420.03 |
| C.I.R. | Paye u N.I. ta' Gunju 2010 | 1,095.32 |
| MEPA | PA 02708/10 Triq id-Daħla taċ-Ċnus | 326.12 |
| Local Councils Association | Health insurance 2010-2011 | 385.00 |
| Go p.l.c. | Telefones u fax Ġunju 2010 | 185.74 |
| Arthur Bajada | Salarju ta' Lulju 2010 | 1,461.28 |
| Jason Curmi | Salarju ta' Lulju 2010 | 1,123.85 |
| Philip Vella | Onorarja tas-Sindku Lulju 2010 | 420.03 |
| C.I.R. | Paye u N.I. ta' Lulju 2010 | 1,013.32 |
| D.O.I | Avviż Tender 04/2010 Tindif ta' Toroq Urbani | 9.32 |
| Joseph Bajada | Rembursar ta' billjetti tal-vapur għall-atturi fin-Notte Scarlata | 97.50 |
| Anglu Bajada | Catering għall-parteċipanti fin-Notte Scarlata | 309.95 |
| Sports Experience | Tokens għall-parteċipanti ta' l-isfilata taż-żwiemel | 192.11 |
| Ta' Lourdes Garage | Transport għat-tfal ta' l-iskola u *child carer* Mejju 2010 | 403.20 |
| Mary Mifsud | *Cultural Leader* Ġunju 2010 | 75.00 |
| Gozo Vision Studio | Filming u Editing Notte Scarlata | 100.00 |
| Malta Red Cross Branch | Servizz ta' Ambulanza Notte Scarlata | 250.00 |
| Malta Falconary Cen. Ltd. | Falkuni fin-Notte scarlata | 275.00 |
| Rapa Showrooms Co. Ltd. | Żebgħa għal playing field | 38.84 |
| Ta' Lourdes Garage | Transport għat-tfal ta' l-iskola u *child carer* Ġunju 2010 | 345.60 |
| WasteServ Malta Ltd. | Depożitu ta' skart fil-*landfill* Mejju 2010 | 782.97 |
| K.I.P. Ghawdex Ltd. | Ġbir ta' skart domestiku Ġunju 2010 | 2,540.19 |
| Richard Cauchi | Tiswija ta' dwal tat-toroq | 1,180.46 |
| Galea Curmi Engineering Cons | *Contract manager's fee* Ġunju 2010 | 38.76 |
| Josephine Galea | Servizz ta' librara Mejju 2010 | 69.96 |
| Gozo Creations | 4 Billboards Notte Scarlata | 613.60 |
| Gozo Laundry | Ħasil ta' *Screen* abjad | 58.50 |
| Soċjeta Mużikali Santa Margerita | Servizz ta' kunċert fin-Notte Scarlata | 1,000.00 |
| Accountant Public Cleansing | Servizz ta' Bulky Refuse Ġunju 2010 | 29.33 |
| Mita | Maintenace & support wide area connectivity Lulju - Sett 2010 | 416.85 |
| G4S Securtiy Malta Ltd. | Servizz ta' cash in transit Ġunju 2010 | 30.44 |
| Georgina Gauci | Kunċert live waqt Notte Scarlata 4.6.2010 | 300.00 |
| Mita | Email account April - Ġunju 2010 | 19.92 |
| Office Club | Statzjonarju | 48.35 |
| ARMS | Konsum ta' dawl għal funtana 7.3.2010 - 22.4.2010 | 112.59 |
| Segretarju Permanenti OPM (ITSD) | Avviżi fuq il-Malta Independent (skrivan/a, tender 2/3, photocopier) | 149.00 |
| Office Club | Toner għal printer pc 4 | 130.00 |
| Richard Cauchi | Xogħol ta manutenzjoni fid-dwal tat-toroq | 481.79 |

SANNAT

| | | |
|---|---|---|
| JCR Ltd. | Materjal għal bankina quddiem dar 9, Triq it-Tin | 52.85 |
| John Grima | Trophies għal Sports day tat-tfal 21.7.2010 | 100.00 |
| Hilite | Kolla, pniezell, xkora siment sewda għal Infiorata | 17.06 |
| Joseph Attard | Open Skip waqt xogħol ta' bankina fi Triq Tempju ta' l-Imramma | 59.00 |
| Office Club | 3 kaxxi karti A4 u 2 pakketti A3 | 78.00 |
| Anton Zarb | Parts ta' fanal miksur fi Triq Sannat | 35.27 |
| TOTAL | € | 19,679.06 |